



## Ġabra tal-ġurisprudenza

DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

8 ta' Frar 2018\*

"Trade mark tal-Unjoni Ewropea - Proċedura - Intaxxar tal-ispejjeż - Nuqqas ta' kompetenza tal-Qorti Ġeneral - Rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja"

Fil-Kawża T-450/09 DEP,

**Simba Toys GmbH & Co. KG**, stabbilita f'Fürth (il-Ġermanja), irrappreżentata minn O. Ruhl, avukat,  
rikorrenti,

vs

**L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)**, irrappreżentat minn A. Foliard-Monguiral, bħala aġent,

konvenut,

il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġeneral, hija,

**Seven Towns Ltd**, stabbilita f'Londra (ir-Renju Unit), irrappreżentata minn K. Szamosi u M. Borbás, avukati,

li għandha bħala suġġett talba għall-intaxxar tal-ispejjeż wara s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Simba Toys vs EUIPO (C-30/15 P, EU:C:2016:849),

IL-QORTI ĜENERALI (It-Tmien Awla),

komposta minn A. M. Collins (Relatur), President, M. Kancheva u J. Passer, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,


tagħti l-preżenti

\* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

## Digriet

### Il-fatti, il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

- 1 Fl-1 ta' April 1996, l-intervenjenti, Seven Towns Ltd, ippreżentat applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea lill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), bis-saħħha tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146), kif emendat (issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 2009, L 78, p. 1), kif emendat, issostitwit huwa stess bir-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1)).
- 2 It-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni huwa s-sinjal tridimensjonali rriprodott hawn taħt:



- 3 Fis-6 ta' April 1999, it-trade mark inkwistjoni ġiet irregġistrata bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, bin-numru 162784. Hija ġiet imġedda fl-10 ta' Novembru 2006.
- 4 Fil-15 ta' Novembru 2006, ir-rikorrenti, Simba Toys GmbH & Co. KG, ressjet talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark ikkонтestata taħt l-Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009, li huwa stess sar l-Artikolu 59(1)(a) tar-Regolament 2017/1001], moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(a) sa (c) u (e) tar-Regolament Nru 40/94 [li sar l-Artikolu 7(1)(a) sa (c) u (e) tar-Regolament Nru 207/2009, li huwa stess sar l-Artikolu 7(1)(a) sa (c) u (e) tar-Regolament Nru 2017/2001].
- 5 Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ottubru 2008, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni ċaħdet it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità kollha kemm hi.
- 6 Fit-23 ta' Ottubru 2008, ir-rikorrenti ppreżentat appell minn din id-deċiżjoni quddiem l-EUIPO skont l-Artikoli 57 sa 62 tar-Regolament Nru 40/94 (li saru l-Artikoli 58 sa 64 tar-Regolament Nru 207/2009, u sussegwentement l-Artikoli 66 sa 71 tar-Regolament 2017/1001).
- 7 Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Settembru 2009 (iktar 'il quddiem id-“deċiżjoni kkontestata”), it-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO kkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni u ċaħad l-appell.
- 8 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ĝeneralis fis-6 ta' Novembru 2009, ir-rikorrenti ppreżentat rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata kif ukoll għall-kundanna tal-EUIPO u tal-intervenjenti għall-ispejjeż relatati mal-proċedimenti ta' appell u mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneral. Din il-kawża ġiet irregġistrata bin-numru T-450/09 u ġiet attribwita lir-Raba' Awla.

- 9 L-intervenjenti interveniet fil-kawża insostenn tat-talbiet tal-EUIPO. Hija talbet, bħal dan tal-aħħar, iċ-ċaħda tar-rikors u l-kundanna tar-rikorrenti għall-ispejjeż.
- 10 Fl-10 ta' Ottubru 2013, minħabba l-bidla fil-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġeneral, ġie deċiż ir-riassenjazzjoni tal-kawża T-450/09 lis-Sitt Awla.
- 11 Permezz ta' sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Simba Toys vs UASI – Seven Towns (Forma ta' kubu b'ucu li għandhom struttura ta' gradilja) (T-450/09, EU:T:2014:983), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors u kkundannat lir-rikorrenti għall-ispejjeż.
- 12 Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-26 ta' Jannar 2015, ir-rikorrenti ressqt appell kontra din is-sentenza.
- 13 Permezz ta' sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Simba Toys vs EUIPO (C-30/15 P, EU:C:2016:849), il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Forma ta' kubu b'ucu li għandhom struttura ta' gradilja (T-450/09, EU:T:2014:983), hija stess iddeċidiet il-kawża b'mod definitiv billi annullat id-deċiżjoni kkontestata u kkundannat lill-intervenjenti u l-EUIPO li "jbatu, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħhom, dawk sostnuti [mir-rikorrenti] relativi kemm għall-proċedura tal-ewwel istanza fil-Kawża T-450/09 kif ukoll għal dik tal-appell".
- 14 B'ittra tas-27 ta' Frar 2017, ir-rikorrenti talbet lill-EUIPO r-imbors lilha tas-somma ta' EUR 53386.70 għall-ispejjeż li hija kienet esponiet fil-Kawża T-450/09.
- 15 Peress li ma setax jintlaħaq ftehim bejn il-partijiet fuq l-ammont tal-ispejjeż li jistgħu jingħabru, ir-rikorrenti, permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Awwissu 2017, ippreżentat, skont l-Artikolu 170(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, din it-talba għall-intaxxar tal-ispejjeż, irreġistrata bin-numru T-450/09 DEP, intiża, essenzjalment, li jinkiseb il-ħlas lura mill-EUIPO u mill-intervenjenti *in solidum* tal-ammont ta' EUR 54286.70 għall-ispejjeż relatati mal-Kawża T-450/09 u għat-talba għall-intaxxar tal-ispejjeż.
- 16 Fl-istess ħin, permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Awwissu 2017, ir-rikorrenti ressqt, skont l-Artikolu 145 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, talba għall-intaxxar tal-ispejjeż, irreġistrata bin-numru C-30/15 P-DEP, intiża li tikseb ir-imbors tal-ispejjeż marbuta mal-proċedura tal-appell fil-Kawża C-30/15 P.
- 17 Peress li kien hemm bidla fil-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali u l-Imħallef Relatur ġie assenjat, bħala President, lit-Tmien Awla, din il-kawża ġiet għalhekk assenjata lil din l-Awla.

### Fuq il-kompetenza tal-Qorti Ġenerali

- 18 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, meta l-Qorti Ġenerali ssib li ma tkunx kompetenti sabiex tieħu konjizzjoni ta' rikors li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija tirriferi l-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja.
- 19 Bis-saħħa tal-Artikolu 127 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, id-deċiżjonijiet ta' rinviju, imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, għandhom jittieħdu mill-Qorti Ġenerali, fuq proposta tal-Imħallef Relatur, permezz ta' digriet motivat.
- 20 Għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 133 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u tal-Artikolu 137 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, applikabbli għall-proċedura tal-appell bis-saħħa tal-Artikolu 184(1) tal-istess regoli, "[i]d-deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandha tingħata fis-sentenza jew

fid-digriet li jagħlqu l-istanza". Għalhekk, bis-saħħha tal-Artikolu 184(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, meta l-appell ikun fondat u l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi l-kawża hija stess, hija għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż.

- 21 F'dan il-każ, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Forma ta' kubu b'uċuħ li għandhom struttura ta' gradilja (T-450/09, EU:T:2014:983), ikkontestata fil-kuntest tal-appell, wara li ġiet annullata u l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet il-kawża definittivament, għandu jiġi kkonstatat li hija s-sentenza tal-10 ta' Novembru 2016, Simba Toys vs EUIPO (C-30/15 P, EU:C:2016:849), li tterminat l-istanza. Barra minn hekk, peress li s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Forma ta' kubu b'uċuħ li għandhom struttura ta' gradilja (T-450/09, EU:T:2014:983), ġiet annullata fl-intier tagħha, ma għadhiex teżisti xi deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali relatata mal-ispejjeż sostnuti quddiemha fir-rigward ta' din l-istanza.
- 22 F'sitwazzjoni simili, il-Qorti tal-Ġustizzja digħi kkunsidrat li kellha kompetenza sabiex tiddeċiedi dwar talba għal taxxa fuq l-ispejjeż marbuta mal-proċedura quddiem il-Qorti Ġeneral (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-1 ta' Ottubru 2013, Elf Aquitaine vs Il-Kummissjoni, C-521/09 P-DEP, EU:C:2013:644, punti 9 sa 12).
- 23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, din it-talba għall-intaxxar tal-ispejjeż, filwaqt li tirrigwarda l-ispejjeż tal-ewwel istanza, taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.
- 24 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkonstatat li l-Qorti Ġenerali ma għandhiex kompetenza sabiex tieħu konjizzjoni ta' din it-talba għall-intaxxar tal-ispejjeż, u, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 127 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġeneral, li tirrinvija l-kawża lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla)

tordna:

**Il-Kawża T-450/09 DEP hija rrinvijata lill-Qorti tal-Ġustizzja.**

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-8 ta' Frar 2018.

Ir-Reġistratur  
E. Coulon

Il-President  
A. M. Collins